MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 280/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Bugeja talli fit-12 ta' Frar 2004, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data naqas li jaghti manteniment lil martu Sharon Bugeja ghall-minuri Naomi Bugeja u dan skond digriet tas-Sekond'Awla Nru. 1882/2002 moghti fit-30 ta' Ottubru 2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mark

Bugeja hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal tmint (8) ijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mark Bugeja pprezentat fl-10 ta’ Dicembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija guridikament insostenibbli peress illi bazata fuq ordni tal-Qorti li ma kinitx ghadha *in vigore*.

Il-fatti ta' dan il-kaz huma semplici. Permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla numru 1882/2002 tat-30 ta' Ottubru 2002 (a fol. 9 - 11), l-appellant gie ordnat ihallas lil martu Sharon Bugeja manteniment ghal binthom Naomi fis-somma ta' Lm120 fix-xahar *pendente lite*. Permezz ta' l-istess digriet, mart l-appellant giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali kif fil-fatt ghamlet. Ic-citazzjoni giet ipprezentata fit-12 ta' Novembru 2002 u s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Sharon Bugeja vs Mark Bugeja" nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2003 (a fol. 13 - 35).

Issa, l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tirrigwarda n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment skond id-digriet tas-Sekond'Awla fuq imsemmi u dan b'referenza ghat-12 ta' Frar 2004 "kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data". Ir-reat imputat lill-appellant huwa wiehed istantanju u mhux permanenti u stante li huwa reat kontravvenzjonali, il-perijodu preskrittiv huwa ta' tliet xhur. Ghalhekk il-kliem fl-imputazzjoni "kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data" ghandha tiftiehem bhala "kif ukoll fit-tliet xhur ta' qabel din id-data". Persuna tirrendi ruhha hatja ta' dan ir-reat fi

zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih kellha thallas il-manteniment ordnat mill-Qorti.

Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-hmistax-il jum imsemmija fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jidher li r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni in kwantu jirreferi ghall-ewwel gimaghtejn ta' Novembru 2003 (rilevanti ghall-pagament li kellu jithallas sa zmien hmistax-il jum mit-30 ta' Ottubru 2003) huwa preskritt. Difatti kienu diga` ghaddew tliet xhur meta c-citazzjoni nharget mill-Pulizija (iffirmata mill-Ispettur M. Micallef fit-23 ta' Frar 2004) u l-appellant gie mbaghad notifikat fit-2 ta' Marzu 2004 (ara riferta a fol. 3). Ghalkemm din il-preskrizzjoni ma gietx issollevata mill-appellant, din il-Qorti hi obbligata li tissollevaha *ex officio* (artikolu 694 tal-Kodici Kriminali). Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat ir-reat in kwantu jirreferi ghall-pagamenti li kienu dovuti ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru 2003 u Jannar 2004.

Id-digriet tas-Sekond'Awla nghata fit-30 ta' Ottubru 2002 u kien jirrigwarda l-hlas ta' manteniment *pendente lite*. Dan ifisser li dan id-digriet kellu jibqa' *in vigore* sakemm ikun hemm decizjoni finali mill-Qorti kompetenti dwar din il-kwistjoni. Tali decizjoni nghatat permezz tas-sentenza citata tat-13 ta' Novembru 2003. Ghalhekk l-imsemmi digriet ma baqax aktar operattiv u l-appellant kellu jigi imputat bi ksur ta' l-ordni moghtija permezz ta' l-imsemmija sentenza u mhux ta' digriet li ma kienx ghadu *in vigore*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------